MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru 138/2008

PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
JOSEPH AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Agius ta’ 47 sena, iben Michael u Grace nee’ Zammit, imwieled Qormi, nhar it-13 ta’ Mejju 1961, residenti 128, Mon Reve, Triq San Gorg, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 379861(M)

Illi huwa akkuzat talli nhar id-29 ta’ Lujlu 2007 ghall-habta tal-11:50pm fir-residenza 128, Mon Reve, Triq San Gorg, Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ bintu Maria Agius f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifika Dr. M. West MD, (skond l-Art. 214, 216, 222 (1a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat kien qed jargumenta u jipprova jiddixxiplina lil bintha ta’ sbatax (17)-il sena dwar hinijiet ta’ rinkazar, il-ghaliex bintu rritornat id-dar siegha wara l-hin. Waqt dan l-argument, l-imputat waddab zarbuna fid-direzzjoni ta’ bintu li dawret rasha u z-zarbuna laqtitha f’ghajnejha.

L-imputat ha lil bintu l-isptar minnufih, u ddispjacih ta’ dak li ghamel fis-sahna ta’ l-argument. Bintu, minn naha l-ohra, hafret lil missierha u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali.

Ic-certifikat ta’ l-isptar, mahrug minn Dr. Malcolm West, juri griehi ta’ natura hafifa.

Illi f’dawl ta’ cirkustanzi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, b’mod specjali ghal mahfra da parti tal-minuri, il-Qorti, wara ammonizzjoni lill-imputat, tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------